MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 3150/1996/1

**Giuseppe Bonnici u Carmela Bonnici mizzewgin flimkien**

**Vs**

**Leonard Incorvaja u Tessie Incorvaja mizzewgin flimkien**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-4 ta’ Novembru 1996 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b’ sentenza moghtija fis-26 ta’ Marzu 1996 fl-ismijiet “Leonard Incorvaja vs Giuseppe Bonnici”, Citazzjoni Numru 13/88, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata moghtija mill-Bord Dwar

il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, fl-10 ta' Dicembru 1993, liema sentenza awtorizzat lill-konvenut jirriprendi l-pussess tal-ghalqa tal-Brolli, Birzebbugia, li kienet tinsab mikrija lill-attur;

Premess illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kienet deciza meritu fattwali ta' assi u *relative hardship*;

Premess illi rrizulta wara l-kawza illi l-provi quddiem l-ewwel Qorti kienu foloz, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-attur diga` ppropona talba ghal ritrattazzjoni fuq bazi ohra;

Premess illi l-attur ma kellux din l-informazzjoni qabel u ma setax kien jaf biha meta ppropona l-ewwel istanza ta' ritrattazzjoni;

Premess illi minhabba dawn il-fatti fuq esposti huwa jixtieq jipproponi talba ohra u ghalhekk qed jagixxi ghal dikjarazzjoni li l-provi kienu foloz;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-provi fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet "Leonard Incorvaja vs Giuseppe Bonnici", Citazzjoni Numru 13/88 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell huma foloz;

Rat id-dikjrazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ipprezentata fil-25 ta' Gunju 1997 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi mhux veru li l-provi quddiem l-Ewwel Qorti kienu foloz u peress illi r-ritrattazzjoni proposta mill-attur fuq bazi

ohra giet gia` minnhom ceduta quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Dicembru 1996;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-16 ta' April 1999 li permezz tieghu gie nominat Dr. Peter Borg Costanzi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 147 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2001;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-kawza prezenti titratta minn citazzjoni presumibilment pre-ordinata ghall-gudizzju ta' ritrattazzjoni u ntiza ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni gudizzjarja dwar li certi provi migjuba fil-proceduri fl-ismijiet inversi jistghu jitqiesu foloz u li allura jikkostitwixxu motiv ghall-possibbli ritrattazzjoni tal-kawza. Dan fit-termini ta' l-Artikolu 811 (j) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Jinsab in effetti ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet "**Dottor Filippo Nicolo Buttigieg *nomine* –vs- Angelo Grima**", Appell Kummercjali, 12 ta' Ottubru 1931, illi, "*e` lecito al*

*soccombente in un giudizio deciso in modo definitivo, di intentarne un altro per ottenere la dichiarazione d' essere false le prove sulle quali la Corte si fosse basata nell' emettere il suo pronunciamento. Per darsi la ritrattazione sul motivo di falsita` delle prove sulle quali si e` deciso, occorre che la falsita` risulti da una sentenza 'ad hoc', tanto di una corte civile quanto di una corte criminale, su apposita domanda non premessa od altrimenti compresa in quella per la* ritrattazione";

Dan ir-riljiev isegwi l-hsieb traccjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "**Pullicino –vs- Pirotta**", 22 ta' Novembru 1873, riportata a **Vol. VI p 692**;

Dan premess huwa principju accettat mill-Qrati taghna illi "provi foloz, ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni, huma dawk li dolozament juru bhala veru dak li ma hux veru, bhal fil-kaz ta' testimonjanza falza, u mhux kwalunkwe zball ta' fatt jew ta' gudizzju li fih ikun inkorra xi xhud jew perit" – "**Avv. Dr. Antonio Caruana –vs- Caterina Gerada *et***", Appell Civili, 26 ta' Gunju 1950. Insenjament dan ribadit fis-sentenza fl-ismijiet "**Saviour Farrugia –vs- Valhmor Borg *nomine***", Appell, 27 ta' Frar 1998;

Trattandosi fil-kaz prezenti ta' gudizzju pre-ordinat ghal ritrattazzjoni din il-Qorti jidhrilha illi l-indagini taghha ghandha jkollha bhala oggett provi foloz fis-sens fuq imsemmi;

L-atturi jitilqu mill-premessa generika ta' l-ezistenza ta' provi foloz fil-proceduri konkjuzi bid-decizjoni ta' l-Appell tas-26 ta' Marzu 1996 fil-kawza fl-ismijiet inversi. Aktar tard permezz ta' Nota ntavolata fis-17 ta' Novembru 2000 huma jibbazaw il-kontenzjoni taghhom fuq dawn l-ilmenti specifici:

(a) mhux minnu li l-konvenut Leonard Incorvaja ried jirriprendi l-pussess tal-ghalqa ghall-uzu tieghu. F' dan il-kuntest huma jissottomettu illi r-raba kien qed jinhadem

minn terza persuna u inoltre kien qed jintuza ghall-iskop ta’ nsib;

(b) mhux minnu li l-istess konvenut kien f’ kundizzjoni finanzjarja hazina li kienet, ghall-finijiet ta’ l-apprezzament tal-*hardship*, tiggustifika l-element tal-bzonn tieghu ghar-ripreza tar-raba ghall-iskop tal-manteniment tieghu u tal-familja;

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fatti processwali u tista’ tghid li fihom ma ssib xejn li tista’ iggieghlha tiddiskosta ruhha mill-evalwazzjoni u konkluzjoni adotta mill-perit legali. Definittivament din il-Qorti ma ssib xejn illi jista’ jinduciha tabbraccja l-veduta ta’ l-atturi dwar xi allegata distorsjoni intenzjonali tal-fatti da parte tal-konvenuti bit-tama li dawn jirnexxielhom jottjenu r-ripresa tal-pussess tar-raba taghhom. Ma tirriskontra fil-provi l-ebda “falsita`”, ossija fis-sinifikat estiz taghha, “soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru, ottenuti bi kwalsiasi mezz” – “**Alfredo Mifsud –vs- Gaetano Azzopardi**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 10 ta’ Gunju 1949;

Issa f’ kawzi ta’ din ix-xorta huwa essenzjali illi jigi dikjarat bi precizjoni u b’ mod specifiku liema huma dawk il-provi li kellhom jitqiesu foloz. Dan hu vitali f’ kawzi bhal dawn proprju “ghaliex is-sentenza finali fil-kawza fejn tigi dikjarata l-falsita` trid isservi bhala l-bazi prestabilita` u l-punt ta’ partenza sod u definit tal-proceduri tar-ritrattazzjoni vera u proprja. F’ dawn il-proceduri il-falsita` fil-limiti li tkun giet dikjarata b’ sentenza ma tkunx izjed miftuha ghad-diskussjoni jew ghad-dubbju, anke jekk in generali imiss lill-ewwel stadju tal-procedura tar-ritrattazzjoni vera u propria li jigi kkunsidrat x’ effett seta’ kellha, jekk kellha, il-falsita` fuq id-decizjoni tal-hawza li jkun qed jintalab li tigi ritrattata” – “**Clementina Farrugia *et* –vs- Rosina Farrugia *et***”, Appell Civili, 19 ta’ April 1971;

Fl-Affidavit tieghu (fol. 14) l-attur Giuseppi Bonnici jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu billi jsostni illi fil-kors tal-kawza deciza,

(i) huwa ma semax lill-konvenut odjern jghid lill-Qorti li kellu bini bi tliet sulari;

(ii) huwa ma semax lill-konvenut jinforma lill-Qorti li kellu permess regolari biex ibiegh l-ghasafar;

(iii) il-konvenut sostna li ma kellux flus;

(iv) il-konvenut qallu verbalment kemm-il darba li hu ma ghandux bzonn ir-raba;

(v) li fil-fatt ir-raba mhux qed jintuza u fih hemm xbiek mifrux;

Kieku wiehed kellu joqghod esklusivament fuq dak sottomess f' dan l-Affidavit wiehed ragjonevolment ghandu jsib illi l-ewwel zewg lanjanzi ma jimmeritaw l-ebda konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' l-indagini ta' l-allegata falsita`. Difficilment il-Qorti tista' taccetta illi tezisti l-prova tal-falsita` ta' xi haga li ma ntqaletx in kwantu dak li ma jinghadx ma jistax jigi pretiz li jissarraf fil-mutazzjoni tal-veru. Tajjeb li jigi puntwalizzat ukoll illi ma jidhirx li huwa konsentit illi, bil-ghan li l-provi jsiru ahjar, fil-proceduri odjerni jingiebu provi godda dwar dak li seta' kien u ma ntqalx jew gie prodott fis-sede proprja tal-kawza. L-ezercizzju ghandu jkun limitat ghar-ricerka ta' dawk il-provi processwali bil-ghan li jkun maghruf jekk dak li ntqal, u fil-mument li ntqal, kienx manifestament qed jahbi l-veru ta' dak li realment kien;

Kwantu ghal-lanjanzi l-ohra l-provi wrew illi l-konvenut irceva l-ammont tal-kumpens ossija arretrati tas-salarju minghand it-Tarzna f' Marzu 1998 u allura *ex post facto* d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, pronunzjata f' Marzu 1996. Ara deposizzjoni tal-konvenut in kontro-ezami (fol. 72);

Irrizulta wkoll kemm mix-xhieda ta’ l-istess konvenut kif ukoll mill-Affidavit ta’ Joseph Agius (fol. 65) illi r-raba kien qed jigi ikkoltivat ghall-prodotti agrikoli. Il-Qorti, imbaghad, ma tara xejn stramb jew straordinarju illi sid, u dan ighodd ukoll ghall-kerrej, iqabbad terzi biex jahdmu r-raba ghalih, jekk dan ikun aktar vantaggjuz. Vide decizjoni fl-ismijiet “**Concetta Camilleri *et* –vs- Antonia Vella**”, Appell, 30 ta’ Gunju 1988. Lanqas ma tara xejn barra mill-ordinarju illi f’ parti zghira mir-raba jintlahaq ukoll l-iskop tad-delizzju ta’ dak li jkun ghall-finijiet ta’ rikrejazzjoni;

Kif taraha din il-Qorti mill-interpretazzjoni akkurata tad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “Leonard Incorvaja –vs- Giuseppi Bonnici” (kopja taghha esebita a fol. 38) jidher evidenti hafna illi, apparti l-valutazzjoni tal-*hardship* rispettiv, dik is-sentenza taccentwa l-fatt illi l-attur odjern naqas f’ dawk il-proceduri milli jissostanzja bi provi certi u konklussivi illi r-raba lokat lilu kien fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Prova din li kienet tinkombi fuqu li jaghmel. F’ dak l-ewwel stadju tar-rekwizit tal-ligi “hu ghal kollox irrilevanti ezami tal-mezzi tas-sid ghax kellu fil-bidu jigi biss ezaminat jekk ir-raba in kwestjoni kellux rilevanza fil-mezzi ekonomici li minnhom kienu jiddependu l-bidwi u l-familja tieghu ghall-ghixien taghhom. Ghandu jinghata sinifikat lill-kelma ‘importanti’ f’ dan il-kuntest ghax dan necessarjament jimporta anke f’ dan l-istadju ezami tal-mezzi ta’ l-inkwilin” (Ara “**Anthony Abela *et* –vs- Francis Degabriele**”, Appell, 9 ta’ Lulju 1999; “**Giuseppe Mizzi *et* –vs- Joseph Sacco**”, Appell, 31 ta’ Mejju 1996);

Kollox ma’ kollox l-atturi ma rnexxielhomx jiddimostraw b’ mod sodisfacenti illi s-sentenza tal-Bord, u sussegwentement dik ta’ l-Appell, gjaladarba anke f’ dak l-istadju tressqu provi, giet ottenuta fuq provi foloz. Jekk f’ dawk il-proceduri l-atturi odjerni ma rribattewx il-provi li ngiebu mill-kontroparti, u li kienu jirrispekkjaw il-verita` f’dak il-mument, “*allora non e` lecito di riaprire la trattazione della causa e di produrre controprove per abbattere l’ efficacia probatoria e raggiungere risultati e conseguenze diversi da quelli ai quali addivenne il*

*tribunale d' appello nei suoi pronunciamenti*" (**Vol. XXVIII P I p 658**). "Kieku ma kellux jigi ritenut hekk, kien ikun facli hafna, ghal kull parti f' kawza, li tipprova tissovverti is-sentenzi li jkunu ghaddew f' gudikat, b' mod illi l-principju ta' l-istabilita` tal-gudikati kien jista' jigi eluz" – "**Androcles Scicluna –vs- John Caruana *et***", Appell Civili, 25 ta' April 1975;

Fic-cirkostanzi l-ilmenti ta' l-atturi ma jistghux jitqiesu gustifikati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez gudizzjarji a karigu ta' l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------